

**Brussell, 18 ta' Lulju 2022  
(OR. en)**

**11487/22**

**EF 212  
ECOFIN 742  
DELECT 125**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 4844 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.7.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-Iskeda tal-Infurmazzjoni Ewlenija dwar l-Investiment

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4844 final.

Mehmuż: C(2022) 4844 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.7.2022  
C(2022) 4844 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 13.7.2022**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-Iskeda tal-Infommazzjoni Ewlenija dwar  
l-Investment**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 23(16) tar-Regolament (UE) 2020/1503 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji ("ir-Regolament") jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tippreżenta abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, u skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, atti delegati li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-mudell għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi stabbilita fl-Iskeda tal-Infurmazzjoni Ewlenija dwar l-Investment (Key Investment Information Sheet, KIIS), inkluża l-informazzjoni marbuta mal-preżentazzjoni ta' ċerti riskji, mal-proporzjonijiet finanzjarji, ma' spejjeż u imposti.

Il-KIIS tistabbilixxi l-informazzjoni meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni infurmata dwar l-investment. L-Artikolu 23 tar-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti relatati mal-għoti tal-informazzjoni permezz tal-KIIS u l-obbligi rilevanti tal-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv u ta' sid il-proġett fir-rigward tal-KIIS.

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi l-ESMA, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozzi tal-istandards jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova l-abbozzi tal-istandards parzjalment biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesigū hekk, filwaqt li tqis il-proċedura speċifika stipulata f'dawk l-Artikoli.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozzi tal-istandards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 23(16) tar-Regolament. Id-dokument ta' konsultazzjoni ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2021 fuq is-sit web tal-ESMA u l-konsultazzjoni għalqet fit-28 ta' Mejju 2021. Barra minn hekk, l-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Fir-rapport finali dwar l-abbozzi tal-istandards tekniċi, l-ESMA inkludiet spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-abbozzi finali tal-istandards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozzi tal-istandards tekniċi, u skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA ppreżentat l-analiżi tagħha tal-ispejjeż u l-benefiċċji relatati mal-abbozzi tal-istandards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija inkluża fir-Rapport Finali dwar l-abbozzi tal-istandards tekniċi disponibbli fuq [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma35-42-1183\\_final\\_report\\_-\\_ecspr\\_technical\\_standards.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma35-42-1183_final_report_-_ecspr_technical_standards.pdf).

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji, jistabbilixxu r-rekwiżiti dwar il-preżentazzjoni tal-KIIS bl-użu tal-mudell stabbilit fl-att, il-format u r-rekwiżiti lingwistiċi tal-mudell tal-KIIS, u r-rekwiżit għal identifikatur tal-offerti ta' finanzjament kollettiv. L-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji jinkludu wkoll rekwiżiti għall-mudell tal-KIIS, li jinkludu l-għażla tat-termini, l-użu ta' hyperlinks, l-identifikazzjoni tat-tipi ta' riskju ewlenin assoċjati ma' offerta ta' finanzjament kollettiv u l-forniment ta' proporzjonijiet finanzjarji, dikjarazzjonijiet u informazzjoni fil-mudell tal-KIIS.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

## li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-Iskeda tal-Infommazzjoni Ewlenija dwar l-Investment

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937<sup>1</sup>, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 23(16) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn l-iskedi tal-infommazzjoni ewlenija dwar l-investment ta' offerti differenti ta' finanzjament kollettiv u jiġi ffaċilitat l-abbozzar tal-iskedi tal-infommazzjoni ewlenija dwar l-investment mis-sidien tal-proġetti, jenħtieġ li jiġi stabbilit mudell komuni għall-preżentazzjoni tal-infommazzjoni kkonċernata. Jenħtieġ li dan il-mudell jiżgura li s-sidien tal-proġetti jsegwu mudell ta' preżentazzjoni simili fil-forma u fis-sustanza, filwaqt li jippermetti l-flessibbiltà meħtieġa li tqis l-ispeċifiċitajiet ta' kull offerta ta' finanzjament kollettiv filwaqt li jitqiesu n-natura, l-iskala u l-kumplessità tagħha.
- (2) Biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tad-*data* u biex tkun tista' ssir kontroreferenza tal-infommazzjoni inkluża fl-iskeda tal-infommazzjoni ewlenija dwar l-investment ma' infommazzjoni oħra, b'mod partikolari l-infommazzjoni rrapportata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) XX/XX [C(2022) 4837], kull skeda tal-infommazzjoni ewlenija dwar l-investment jenħtieġ li jkun fiha identifikatur uniku għall-offerta ta' finanzjament kollettiv li tkun relatata magħha.
- (3) Sabiex is-sidien tal-proġetti jingħataw il-possibbiltà li jipprovdu aktar infommazzjoni rilevanti lill-investituri prospettivi, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu inklużi hyperlinks, li għandhom isegwu mudell komuni. Madankollu dawn il-hyperlinks jenħtieġ li ma jfixklux milli l-iskeda tal-infommazzjoni ewlenija dwar l-investment tkun komprensiva bħala dokument awtonomu. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' hyperlinks ma jeżentax lis-sidien tal-proġetti mill-obbligu li jinkludu l-infommazzjoni rilevanti fl-iskeda tal-infommazzjoni ewlenija dwar l-investment b'mod ċar u komprensiv.
- (4) Sabiex l-investituri prospettivi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-investment, l-iskeda tal-infommazzjoni ewlenija dwar l-investment jenħtieġ li jkun fiha deskrizzjoni speċifika u mhux ġenerika dwar ir-riskji rilevanti kollha relatati mal-proġett ta' finanzjament kollettiv, l-offerta ta' finanzjament kollettiv u sid il-proġett.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1.

- (5) Sabiex jippermettu l-komparabbiltà u ċ-ċarezza tal-informazzjoni finanzjarja li tinsab fl-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment, u b'hekk titjeb it-trasparenza għall-investituri prospettivi, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni jenħtieġ li jiġu ppreżentati skont standards u prinċipji komunement rikonoxxuti.
- (6) Sabiex ikun hemm informazzjoni trasparenti dwar il-kummissjonijiet, it-tariffi u spejjeż oħra tat-tranżazzjonijiet li l-investitur iġarrab tul haġġet il-proġett ta' finanzjament kollettiv, l-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment jenħtieġ li tippreżenta analiżi tal-ispejjeż diretti u indiretti, tispeċifika l-ispejjeż tad-dħul, l-ispejjeż tal-ħruġ, l-ispejjeż imġarrba tul il-proġett u l-ispejjeż inċidentali.
- (7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.
- (8) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>.
- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### ***Skeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment***

1. Meta l-fornituri tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv jipprovdu l-informazzjoni fl-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment imsemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandhom jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir disponibbli malli l-offerta ta' finanzjament kollettiv rilevanti tiġi ppubblikata mill-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

## *Artikolu 2*

### ***Format u rekwiżiti lingwistiċi tal-mudell tal-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment***

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi ppreżentata b'mod li jkun faċli biex tinqara u għandha tiġi espressa b'mod li jiffaċilita l-fehim tal-informazzjoni, inkluż minn investituri prospettivi mhux sofistikati, filwaqt li jitqiesu d-diffikultajiet possibbli ta' fehim li jirriżultaw min-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-offerta ta' finanzjament kollettiv.
2. Il-lingwa użata fl-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment għandha tkun ċara u konċiża u għandhom jiġu evitati termini tekniċi fejn minflokhom jista' jintuża kliem ta' kuljum.

## *Artikolu 3*

### ***L-identifikatur tal-offerta ta' finanzjament kollettiv***

1. L-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment għandha tinkludi identifikatur standardizzat, permanenti u uniku tal-offerta ta' finanzjament kollettiv rilevanti.
2. L-identifikatur imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ir-riżultat tal-konkatenazzjoni tal-elementi li ġejjin, fl-ordni kif ġejj:
  - (a) il-kodiċi ISO 17442 tal-identifikatur tal-entità ġuridika (legal entity identifier, LEI) tal-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv;
  - (b) il-kodiċi magħmul minn tmien karattri numeriċi, li għandu jiġi ġġenerat internament mill-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv u li għandu jkun uniku għal kull offerta ta' finanzjament kollettiv ippubblikata mill-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv.
3. L-identifikatur iffurmat skont il-paragrafu 2 ma għandux jinbidel hekk kif l-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment tinbidel minħabba xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:
  - (a) it-traduzzjoni tal-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment f'lingwi differenti skont l-Artikolu 23(4) u (13) tar-Regolament (UE) 2020/1503;
  - (b) aġġornamenti fl-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment skont l-Artikolu 23(8) u (12) tar-Regolament (UE) 2020/1503;
  - (c) xi alterazzjoni mhux materjali oħra tal-informazzjoni inkluża fl-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment.

## *Artikolu 4*

### ***L-għażla tat-termini fil-mudell tal-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment***

Meta l-mudell tal-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment stabbilit fl-Anness jippermetti għażla ta' termini jew espressjonijiet, din l-għażla għandha ssir kif ġejj:

- (a) l-espressjonijiet “kapital fil-mira” jew “ġenerazzjoni ta’ kapital” għandhom jintużaw għall-offerti ta’ finanzjament kollettiv relatati ma’ titoli trasferibbli ta’ ekwità jew strumenti ammessi għal finijiet ta’ finanzjament kollettiv;
- (b) l-espressjonijiet “fondi fil-mira” jew “self ta’ fondi” għandhom jintużaw għall-offerti ta’ finanzjament kollettiv relatati ma’ self, titoli trasferibbli mhux ta’ ekwità jew strumenti ibridi;
- (c) it-termini “titoli trasferibbli” jew “strumenti ammessi għal finijiet ta’ finanzjament kollettiv” għandhom jintużaw f’konformità mat-tip ta’ strumenti offruti.

#### *Artikolu 5*

##### ***L-użu ta’ hyperlinks fil-mudell tal-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment***

1. L-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment jista’ jkun fiha hyperlinks kif stabbilit fil-mudell stipulat fl-Anness.
2. Il-hyperlinks għandhom ikunu komplementari għall-informazzjoni mogħtija u ma għandhomx jissostitwixxu din l-informazzjoni, ħlief jekk ma jkunx ipprovdut mod ieħor fil-mudell.
3. Il-hyperlinks għandhom ikunu konsistenti mal-informazzjoni li tingħata xi mkien ieħor fl-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment, u r-riżorsi esterni msemmija fil-hyperlinks għandhom ikunu aċċessibbli b’mod liberu u faċli.

#### *Artikolu 6*

##### ***Tipi ta’ riskji ewlenin assoċjati mal-offerta ta’ finanzjament kollettiv***

1. It-tipi ta’ riskji ewlenin li huma assoċjati ma’ offerta ta’ finanzjament kollettiv għandhom jiġu ddivulgati fl-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment relatata ma’ din l-offerta f’konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fil-Parti C tal-Anness. Fejn rilevanti, riskji oħra għandhom jiġu ddivulgati wkoll.
2. Id-deskrizzjoni tar-riskji assoċjati ma’ offerta ta’ finanzjament kollettiv għandha tkun ta’ rilevanza għal dik l-offerta speċifika u għandha titħejja biss għall-benefiċċju ta’ investituri prospettivi u ma għandhiex tagħti dikjarazzjonijiet ġenerali dwar ir-riskji ta’ investment jew tillimita r-responsabbiltà ta’ sid il-proġett jew ta’ kwalunkwe persuna li tagħxi f’isimhom.

#### *Artikolu 7*

##### ***Proporzjonijiet finanzjarji, dikjarazzjonijiet u informazzjoni fil-mudell tal-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment***

Ir-rapporti finanzjarji u l-informazzjoni msemmija fil-mudell tal-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment stabbiliti fl-Anness għandhom jiġu ppreżentati skont l-Istandards Internazzjonali ta’ Rapportar Finanzjarju (International Financial Reporting Standard, IFRS) jew il-Prinċipji tal-Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati (Generally Accepted Accounting Principles, GAAP) lokali, skont kif applikabbli.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.7.2022

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*